# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rikors Nru. 679/18JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Qbid Numru 922/18 fl-ismijiet:

Majid **AIDI**

vs

Mohammed Mustafa **HAMAN**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Ġunju, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti A.F. & Sons Limited (C – 63296) talbet li din il-Qorti (i) issib li l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju maħruġ kontra Mohammed Mustafa Haman (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutat") mill-intimat Majid Aidi (aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"eżekutant") fis-6 ta' Ġunju, 2018, u eżegwit fl-20 ta' Ġunju, 2018, ma jmissux jibqa' aktar fis-seħħ għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi l-imsemmi Mandat huwa null u bla effett legali;

(ii) tordna li jsir ir-rilaxx ta' kull oġġett mobbli w immobbli maqbuda jew imsemmija fl-istess Mandat li jappartjenu lill-imsemmija kumpannija rikorrenti; u (iii) tordna t-tħassir tal-imsemmi Mandat ta' Qbid kull fejn jissemmew ħwejjeġ mobbli jew immobbli tagħha u li jinsabu fil-post li fih saret l-eżekuzzjoni tal-istess Mandat u dan fis-sens li tillimita l-effetti tal-Mandat fil-konfront tal-prodotti li jinsabu fil-post u li jappartjenu lill-eżekutat. Żammet sħiħ kull jedd tagħha ta' azzjoni jew rimedju ieħor fil-liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Lulju, 2018, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant u tatu żmien kif jitlob l-artikolu 836(3) tal-Kap 12 biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fis-17 ta' Lulju, 2018, li biha laqa' għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi, għar-raġunijiet hemm imsemmija, qal li l-Qorti ma jmissieix tilqa' t-talbiet tal-istess kumpannija;

Rat l-atti kollha tar-rikors u kif ukoll dawk tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kumpannija rikorrenti trid li l-Qorti ssib bla ebda effett il-Mandat ta' Qbid kawtelatorju maħruġ fis-6 ta' Ġunju, 2018, safejn dak il-Mandat jirreferi għall-post tal-eżekuzzjoni u prodotti li jinstabu fl-istess post u li huma ġid tal-istess kumpannija rikorrenti u mhux ġid tad-debitur eżekutat;

Illi r-raġunijiet imressqin mill-kumpannija rikorrenti huma li kemm il-post u kif ukoll bosta mill-ħwejjeġ li nqabdu bil-Mandat huma ġid mikri lilha jew ġid tagħha u għalhekk l-eżekutant ma jista' jkollu l-ebda pretensjonijiet fuq dak li nqabad għaliex huwa ma għandu l-ebda pretensjonijiet kontriha. Dan issejsu fuq iż-żewġ kawżali: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mgħadhiex fil-fatt teżisti; u (b) li fiċ-ċirkostanzi, mhuwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-kumpannija rikorrenti tikri l-fond li jġib l-isem ta' "*Meat Kingdom*" fi Triq il-Qalb ta' Ġesu', f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar sa minn Jannar tal-2015[2]. Dan il-fond huwa reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti u liċenzjat bħala stabbiliment għall-bejgħ tal-laħam[3];

Illi f'xi żmien lejn Novembru tal-2017[4], il-kumpannija rikorrenti daħlet fi ftehim mal-eżekutat biex tqabbdu bħala "*manager*" tal-istabbiliment fuq prova għal xahrejn b'"*manager's agreement*". Matul dan iż-żmien jidher li l-eżekutat ġab prodotti għall-bejgħ fl-istess ħanut li xtrahom hu, b'żieda mal-prodotti li sab meta daħal imexxi l-istabbiliment. L-eżekutat inqeda bit-tagħmir u l-benefikati u s-servizzi li kienet ħallset għalihom il-kumpannija rikorrenti[5];

Illi l-Mandat relattiv ntalab u nħareġ fis-6 ta' Ġunju, 2018, dwar "sorti" ta' tletin elf euro (€30,000) u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "ammont ta' flus dovut mid-debitur lill-kreditur, kif ukoll danni li l-kreditur sofra meta d-debitur ħadlu kwantita' ta' *foodstuffs* mill-ħanut tiegħu u dan kollu u aktar kif dedott fil-kontro-talba tal-atti tar-Rikors Ġuramentat 481/18LM". Il-Mandat inħareġ biss kontra l-eżekutat. L-eżekuzzjoni ntalbet biex isir qbid ta' xi tagħmir u benefikati li jinstabu fil-ħanut u wkoll fuq vettura partikolari. Dak inhar ukoll, l-eżekutant ressaq rikors biex issir l-elevazzjoni tal-ħwejjeġ maqbuda u biex jinħatar kunsinnatarju, liema talbiet intlaqgħu wkoll b'degriet ta' dakinhar ukoll. Mir-riferta tal-Uffiċjal Eżekuttiv, ma jidhirx li saret l-elevazzjoni;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom il-kumpannija rikorrenti ssejjes it-talbiet tagħha. Iżda, qabel xejn, il-Qorti trid tistħarreġ

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[2] Dok "Ċ", f'paġġ. 10 – 1 tal-atti
[3] Dok "E", f'paġġ. 13 sa 35 tal-atti
[4] Dok "D", f'paġ. 12 tal-atti
[5] Dokti "F", "Ġ" u "Ħ", f'paġġ. 36 sa 104 tal-atti

kwestjoni partikolari ta' proċedura li taf tolqot is-siwi tar-rikors. Hija l-istess kumpannija rikorrenti li tgħid ċar u tond li l-Mandat ma nħariġx kontra tagħha, imma biss kontra l-eżekutat, u hija l-istess kumpannija li tgħid li din il-proċedura qiegħda tressaqha għall-finijiet kollha tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-eżekutant jgħid li, minbarra li l-kumpannija rikorrenti naqset milli ġġib 'il quddiem provi tajbin biżżejjed biex turi li xi ħwejjeġ maqbuda bis-saħħa tal-Mandat huma tassew tagħha, il-proċedura mnedija mill-kumpannija rikorrenti mhijiex tajba u dik li messha għażlet kellha tkun kawża b'rikors maħluf biex iġġib dikjarazzjoni li xi ħwejjeġ maqbuda bil-Mandat kienu ħwejjiġha u mhux ġid tal-eżekutat. Il-Qorti ssib li, f'dan ir-rigward, is-sottomissjoni tal-eżekutant hija f'lokha u tajba;

Illi l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li l-liġi tagħti r-rimedju maħsub f'dak l-artikolu lil "l-intimat li jkun inħareġ l-att kawtelatorju kontrih" u lil dik il-persuna biss. Kif ingħad qabel, il-Mandat mertu ta' din il-proċedura nħareġ biss kontra l-eżekutat u mhux ukoll kontra l-kumpannija rikorrenti. Fid-dawl ta' dan il-fatt u tal-fatt li l-Mandat li għalih jirreferi dan il-provvediment inħareġ biss kontra persuna intimata waħda – jiġifieri tal-eżekutat Haman – il-proċedura mnedija mill-kumpannija rikorrenti mhijiex tajba u lanqas skond il-liġi[6];

Illi minħabba f'hekk, l-ebda waħda mit-talbiet imressqa mill-kumpannija rikorrenti ma hija tajba u l-Qorti ma tistax tqis l-ebda waħda minnhom. Dan jingħad bla ebda ħsara għal kull rimedju ieħor li l-liġi tagħti lill-istess kumpannija rikorrenti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-kumpannija rikorrenti billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħha għat-tħassir tal-Mandat billi l-proċedura mnedija minnha hija irritwali. **Bl-ispejjeż** kontra l-kumpannija rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis, 16 ta' Awwissu, 2018.

---

[6] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **28.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Malta International Airport p.l.c. et** (in parte)*

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

Komunika: Rikorrenti : Dr. Joseph Gerada LL.D.

Intimat eżekutant: Dr. Frank Cassar LL.D.

(Kopja għan-notifika lill-partijiet)